**8 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Nobbli Guido Sant Fournier nomine

*versus*

Alfonso Maria Farrugia

**Esekuzjoni ta' kuntratt — Art 256 Proċedura Ċivili — Intempestivita' tal-azzjoni.**

*Iż-żmien utili li minnu jibda jiddekorri it-terminu ta tlett snin rikjest mill-art. 256 tal-Proċedura ċivili għandu jiġi kalkolat mhux mid-data tal-att, imma mindu dana l-att seta jiġi esegwit.*

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bieh l-attur nomine-premess illi l-Banka B. Tagliaferro and Sons hija Kreditriċi tal-konvenut f'erba ammonti tal-valur komplessiv ta' elf tlett mija u ħamsa u għoxrin lira, sittax il-xelin u tlett soldi (£1325. 16.3). dovuti in kwantu għal sitt mija u disa u erbgħin

lira erbatax il-xelin għal kapital u erbgħin lira, żewġ xelini u tlett soldi għal imgħaxijiet sat-30 ta' Ġunju, 1963, ammontanti għal sitt mija u disa u tmenin lira, sittax il-xelin u tlett soldi (£689.16.3.) riżultanti min kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tat-23 ta' Diċembru, 1959, u in kwantu għal mitejn lira kapital u tnax il-lira (£12) imgħax sat-30 ta' Ġunju, 1963, ammontanti għal mitejn u tnax il-lira (£212) skond kuntratt in atti Edwardo Calleja Schembri tat-30 ta' April, 1948, u in kwantu għal istess ammont ta' kapital u ta' imgħaxijiet sat-30 ta' Ġunju 1963, għaż-żewġ krediti l-oħra kull wieħed riżultanti skond żewġ kuntratti in atti Nutar Edwardo Calleja Schembri rispettivament fit-2 ta' April 1948 u 15 ta' Settembru 1949; premess illi għaddew aktar min tlett snin min mindu l-istess kuntratt jista jiġi esegwit; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — talab illi l-attur fil-kwalita' tiegħu premessa jiġi awtorizzat (1) jipproċedi għall-esekuzjoni tal-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Edwardo Calleja Schembri tat-30 ta' April, 1948, biex jottjeni l-pagament ta' mitejn u tnax il-lira (£212) għal kapital u imgħax sat-30 ta' Ġunju, 1963 bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena mill-1 ta' Lulju, 1963; (2) jipproċedi għall-esekuzjoni tal-kuntratt ta' self fl-atti ta' l-istess Nutar tat-2 ta' April, 1949, biex jottjeni l-pagament ta' mitejn u tnax il-lira (£212) għall-kapital u imgħax sat-30 ta' Ġunju, 1963, bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena mill-1 ta' Lulju, 1963, (3) jipproċedi għall-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' self fl-atti ta' l-istess Nutar tal-15 ta' Settembru, 1949, biex jottjeni l-pagament ta' mitejn u tnax il-lira għal kapital u imgħax sat-30 ta' Ġunju, 1963, bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) mill-1 ta' Lulju, 1963, (4) jipproċedi għall-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' self u debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullucino tat-23 ta' Diċembru, 1959, biex jottjeni l-pagament ta' sitt mija u

disgħa u tmenin lira, sittax il-xelin u tlett soldi (£689.16.3) għal kapital u imgħaxijiet sat-30 ta' Ġunju, 1963, bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena mill-1 ta' Lulju, 1963; bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Awissu, 1963, kontra il-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine u n-nota taxxiehda tiegħu u dokumenti minnu esibiti;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat biċ-ċitazzjoni, u ma pprezenta ebda eċċezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-nota tal-konvenut fejn ammetta s-somma mitluba;

Semgħat l-Avukat tal-attur u l-provi minnu prodotti;

Ikkunsidrat:

Li it-talba tal-attur ġiet pruvata fis-sens li l-konvenut għandhu jagħti l-ammonti indikati fiċ-ċitazzjoni, iżda għalkemm l-attur kien ġustifikat jitlob li jiġi awtorrizzat jesegwixxi l-kuntratti tat-3 ta' April, 1948, tat-2 ta' April, 1949; tal-15 ta' Settembru 1949 għaliex għaddew aktar min tliet snin min mindu setgħu jiġu esegwiti; ma tistax tingħad l-istess ħaġa għar-rigward tal-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' 23 ta' Diċembru, 1959. Infatti jirrizulta li l-ammont tad-dejn fih indikat kellu jiġi imħallas mill-konvenut fiż-żmien sentejn mid-data tal-att. Għalhekk iż-żmien utili li minnu beda jiddekorri t-terminu rikjest mill-art. 256 tal-Proċedura Ċivili għandu jiġi kalkolat mhux mid-data tal-att, imma min mindu dana l-att seta' jiġi esegwit

jiġifieri mit-23 ta' Diċembru, 1961.

Ikkunsidrat:

Li a rigward ta' dana l-aħħar kuntratt it-talba għall-esekuzzjoni tiegħu hija intempestiva, għaliex għadu ma għaddiex it-terminu ta' tliet snin min mindu seta' jiġi esegwit.

Fil-kontumaċja tal-konvenut:

Tiddeċiedi, billi tilqa l-ewwel, it-tieni u it-tielet talba tal-attur nomine, bl-ispejjeż kontra il-konvenut tassabbli; bħal fil-każ ta' ammissjoni u tirrespinġi r-raba' talba bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.